MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Numru 914/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR MALCOLM SPITERI**
**SPETTUR JESMOND BORG**
**VS**
**LEWIS BRIFFA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Lewis Briffa ta’ 44 sena, iben John u Helen imwielda Pace, imwieled Bormla nhar il-15 ta’ Lulju 1961, residenti ‘69’, Triq il-Gdida, Rahal Gdid u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 452561(M);

Illi huwa akkuzat talli nhar *omissis* ghall-habta tal-*omissis* gewwa *omissis* u fix-xhur ta’ qabel:

A. B’eghmil zieni, kkorrompa lil *Omissis A omissis* snin u *Omissis B* ta’ *omissis* snin, persuni ta’ taht l-eta’;

B. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi offenda l-pudur jew l-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku;
C. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'xatt il-bahar jew f'lok iehor pubbliku, neza gharwien jew ma kienx liebes xieraq;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imsemmi Lewis Briffa b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus skond l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.98) taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 12 ta' Frar 2007 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni illi jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat in-nota ta' osservazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datat 15 ta' Marzu 2010 u dik ta' l-imputat datat 28 ta' Lulju 2010;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe l-Ispettur Malcolm Spiteri, jirrizulta li certu *Omissis C* ghamlet rapport l-Ghassa tal-Pulizija ta' *omissis* fuq korruzzjoni ta' minorenni tat-tfal taghha (*Omissis A* u *Omissis B*) ta' *omissis* (*omissis*) u *omissis* (*omissis*) snin rispettivament mill-gar taghhom (l-imputat) li kien qieghed jesponi l-parti privata tieghu quddiem dawn it-tfal. *Omissis C* nformat lil Pulizija illi kienet diga', f'okkazzjoni precedenti, kellmet lill-imputat Briffa fuq dan u li dan assiguraha li dan l-agir ser jieqaf. L-Ispettur Spiteri xehed illi huwa kien kellem lit-tfal li kkonfermawlu dana kollu u ghaldaqstant kien arresta lill-imputat Briffa.

Spettur Spiteri xehed li l-imputat ammetta mieghu verbalment li kien espona l-parti genitali quddiem dawn it-tfal f'zewg (2) okkazzjonijiet u qal illi kien hemm okkazzjoni ohra fejn kien qed jiehu *shower* fuq il-bejt u t-tfal ittawlulu minn fuq il-bejt taghhom. L-imputat, pero', fl-istqarrija, ammetta li kien jitla bix-*shorts* fuq il-bejt u darba espona ruhu sabiex jaghmel awrina fuq il-bejt u sussegwentement jammetti biss illi seta kien qed jinhasel fil-bitha u rawh it-tfal. Aktar tard, pero', jirrispondi:

*"Ma hrigthomx direttament ghalihom, jiena darba kont qed ninhasel fil-bitha u dar'bohra hrigtha ghalihom."* (ara Dok.MS a fol.21 et seq.)

A fol.23, *Omissis C*, omm il-minuri, ikkonfermat ir-rapport li hija ghamlet lil Pulizija dwar iz-zewg uliedha. Ikkonfermat illi tlett (3) gimghat **qabel** ma rregistrat rapport lil Pulizija, hija kienet kellmet lill-imputat biex ma jibqax jaghmel atti ta' masturbazzjoni quddiem it-tfal u li l-imputat kien irrispondiha bil-kliem *"All right";* izda tlett (3) gimghat wara dawn, l-azzjonijiet regghu rrepetew ruhhom u ghaldaqstant hija ghamlet rapport lil Pulizija. *Omissis C* kkonfermat illi l-bitha taghha u ta' l-imputat huma adjacenti u l-hajt divizorju ma tantx kien gholi u li l-imputat gieli kien fit-tieqa jew fuq xi sellum meta rawh it-tfal.

Il-minuri *Omissis B* (a fol.29), xehed illi l-imputat (maghruf mat-tfal bhala 'l-banana'), *"joqghod jaghmel il-pastazati…"*

billi, *"johrog id-duda"* u li dan kien jaghmlu ta' kuljum. Il-minuri xehed illi dan kien jigri meta l-minuri kien ikun fil-bitha u l-imputat kien ikun fit-tieqa tieghu fuq il-bejt. *Omissis B* xehed illi l-imputat kien jibda billi jwaddablu l-gebel, imbaghad meta l-minuri jhares, l-imputat jibda' jaghmillu l-pastazati. Dan kien gara kuljum ghal perijodu ta' xi xahar. Dan l-agir ta' l-imputat kien gara wkoll meta kien ikun prezenti huh (*Omissis A*).

In kontro ezami, Christian xehed illi l-imputat kien ikun liebes *jeans* u *top* u li kif kien jarahom kien jiftah iz-*zip* tal-*jeans* u jesponi l-parti genitali tieghu, izda nnega illi l-imputat kien jaghmel xi azzjoni ohra. *Omissis B* kkonferma illi apparti ommu, huwa kien kellem lill-ghalliem ta' l-iskola. Huwa xehed illi apparti fit-tieqa, l-imputat kien ukoll jaghmel dawn l-azzjonijiet fuq il-bejt. *Omissis B* kkontenda li minkejja li l-imputat kien ikun fuq il-bejt u l-minuri fil-bitha, *Omissis B* xorta seta jara lill-imputat bi genitali tieghu espost. A fol.37, *Omissis B* gharaf lill-imputat bhala l-persuna li dwara kien qed jixhed.

*Omissis A* (a fol.39 et seq.) xehed illi *"Kien hemm wiehed ragel u beda jaghmel mossi hziena…kien joqghod jinza l-qalziet ta' taht."* (a fol.40) *Omissis A* xehed illi dan ir-ragel kien neza l-hwejjeg kollha. *Omissis A* xehed illi huwa kien ra lil dan ir-ragel darba wahda biss, izda huh (*Omissis B*) kien qallu illi kien rah jaghmel l-istess affarijiet diversi drabi.

Mitlub jghid jispjega l-azzjonijiet ta' dan ir-ragel, *Omissis A* (a fol.42) jghid:

*Omissis: "Jinza, imbaghad idum naqra hekk u joqghod iwaddab il-gebel biex jarah imbaghad kien jitlaq."*

*Qorti: "Biex 'min jarah'?"*

*Omissis: "Biex narawh."*

*Qorti: "Biex intkom tarawh, it-tfal?"*

*Omissis: "Ehe."*

*Omissis A* xehed illi dan ir-ragel kien joqghod jghajjibhom, jitfalhom iz-zrar biex huma, it-tfal, ikunu jistghu jarawh imnezza (ara fol.42). *Omissis A* xehed illi huwa kien kellem lil ommu, lil nanntu u lil Pulizija fuq dan il-kaz u li dan ir-ragel kien jismu Lewis u kien gara tieghu.

*Omissis D* (a fol.46), missier il-minuri, ikkonferma l-kwerela, kif ghamlet *Omissis C* (a fol.48).

PS 1190 Antoine Hili, ikkonferma l-istqarrija ta’ l-imputat (a fol.20).

Spettur Malcolm Spiteri (a fol.93 sa fol.95) ezebixxa c-certifikati tat-twelid tal-minuri.

L-imputat Lewis Briffa xehed illi ghalkemm il-gara proprja tieghu huma Depasquale u Rosannis, il-familja *Omissis* joqghodu fi triq ohra (*omissis*) li tigi kantuniera mieghu. Huwa xehed illi qabel dan l-incident huwa qatt kellu incidenti mal-familja *Omissis*. Huwa stqarr illi joqghod go fond ta’ zewg (2) sulari u li kellu bitha. L-imputat ikkonferma illi fil-bitha kellu zewgt (2) itwieqi illi wahda taghti ghal fuq il-bitha tieghu stess, *“u ghandi tieqa ohra li tigi aktar ‘il fuq, li tigi ghal kamra tal-banju.”* Huwa kkonferma l-istqarrija tieghu.

In kontro ezami, l-imputat ikkonferma illi *Omissis C* kienet kellmitu u qaltlu biex joqghod attent, minghajr ma spjegatlu aktar u li hu fehem illi kienet qeghedha tirreferi, *“Forsi kont qed inhares mill-bitha?”* Innega li wara li kien jaghmel xi xoghol bic-*chaser,* kien jinza gharwien u jiehu *shower* fil-bitha, u dana b’mod ripetut. L-imputat baqa jinnega illi huwa qatt espona ruhu quddiem dawn it-tfal.

Charlo Camilleri xehed illi fit-8 ta’ Ottubru, bejn l-22:30 u l-23:00, kien qieghed ma’ l-imputat ipejpu sigarett.

*Omissis C*, xehed illi dakinhar huma kienu qeghdin jaraw it-televixin, it-tfal hargu fil-bitha biex jiccekkjaw il-fenka taghha li kellha l-frieh, u kien hemmhekk illi gibdulha l-

attenzjoni fuq l-imputat. Hija kienet pronta xeghlet id-dawl tal-bitha u ghamlet ir-rapport. *Omissis C* xehedet it-tfal taghha qalulha li l-imputat gieli kien fil-logga tieghu jaghmel dawn l-affarijiet u gieli tela bis-sellum, mal-hajt divizorju, biex jaghmel dawn l-azzjonijiet.

Ikkonsidrat:

L-imputat jinsab mixli b'korruzzjoni ta' minorenni ai termini ta' Artikolu 203 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"**203.** (1) Whosoever, by lewd acts, defiles a minor of either sex, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term not exceeding three years, with or without solitary confinement:*
*Aggravating circumstances.*
*Provided that the offence shall be punishable with imprisonment for a term from three to six years, with or without solitary confinement, in each of the following cases:*

*(a) if the offence is committed on a person who has not completed the age of twelve years, or with violence;*

*(b) if the offence is committed by means of threats or deceit;*

*(c) if the offence is committed by any ascendant by consanguinity or affinity, or by the adoptive father or mother, or by the tutor of the minor, or by any other person charged, even though temporarily, with the care, education, instruction, control or custody of the minor."*

Fis-sentenza **Pulizija vs. Thomas Wiffen,** deciza 8 ta' Jannar 1996 per Onor. Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano gie ritenut:

*"For the completed offence and apart from the formal element of the offence, there must me the lewd act (atto di libidine) and the actual defilment. The lewd act may be*

*committed either on the person of or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature, or of the circumstances in which they are performed, are directed to the indulgence of the sexual apetite either of the agent or of the victom and are capable of arousing the sexual interest of the victim, or lewd act for the purpose of the offence in question…*

*As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.”*

Imbaghad fis-sentenza **Pulizija versus Andrew Bonnici**, deciza fit-23 ta’ Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

*‘Tifel ta’ appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga’ jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta’ dak li jkun, u altru impozizzjoni ta’ sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f’integrita’ morali tal-minorenni.’*

Fil-kaz in ezami, l-Qorti ghandha quddiemha biss, prova inekwivoka ta’ esponar tal-partijiet genitali ta’ l-imputat quddiem zewgt (2) itfal. Illi x-xhieda ta’ *Omissis B* (ara fol.33) kienet fis-sens li l-imputat, apparti illi jinza gharwien, l-imputat ma kien jaghmel ebda mossa ohra. Illi, in oltre (a fol.42), *Omissis A*, wkoll, sostna illi, apparti li l-imputat kien jinza gheri u jdum hekk u joqghod iwadbilhom iz-zrar, sabiex jattira l-attenzjoni taghhom, ma kien jaghmel ebda mossa ohra. Illi, ghaldaqstant, din il-

Qorti ma tistghax issib htija fl-imputat ghal rigward tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni.

L-imputat gie mixli wkoll bl-akkuza taht l-Artikolu 209 u cioe:

*“**209**. Kull min, barra mill-kazijiet imsemmija fl-artikoli ta' qabel dan is-sub-titolu jew f'disposizzjonijiet ohra tal-ligi, joffendi l-pudur jew il-morali, b'eghmil li jsir f 'lok pubbliku, jew f 'lok espost ghal l -pubbliku, jehel , meta jinsab hati , il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur u multa.”*

Illi, bla dubbju ta' xejn, il-kxif ta' partijiet genitali maskili lil zewg minuri ta' *omissis* (*omissis*) u *omissis* (*omissis*) snin, tinkwadra certament ghal offiza ta' pudur jew morali. Dak li ghandha tezamina l-Qorti huwa jekk dan sarx fil-kliem tal-Ligi, “f'lok pubbliku” jew “f'lok espost ghal pubbliku”.

Kif gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza **Pulizija vs. George Xuereb** deciza 5 ta' Dicembru 1997:

*“Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta, bhalma necessarjament kienet l-Ewwel Qorti li l-appellant kemm fil-15 ta' Settembru, 1996 kif ukoll f'okkazjonijiet qabel u wara din id-data, waqt li jkun jew fil-gnien tieghu jew fuq il-bejt jew fid-drive way li hi komuni ghall-propjeta' tieghu u ta' l-imsemmija konjugi, kif appena jara lill-imsemmija Madeline Whitehouse jiftah il-qalziet, jesponi l-organi genitali tieghu fid-direzzjoni taghha u anke jaghmel atti konfacjenti ma' masturbazzjoni. Din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellant ghamel hekk f'dawn l-okkazjonijiet proprju ghax kien jaf li tkun tista' tarah Madeline Whitehouse. Fir-rikors tieghu l-appellant jippretendi li anke jekk saru xi atti dawn ma jammontawx ghar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 209 tal-Kodici Kriminali ghax dawn la saru f'lok pubbliku u anqas f'lok espost ghall-pubbliku, izda fil-propjeta' privata*

*tieghu. Bl-espressjoni "lok espost ghall-pubbliku" fl-artikolu 209 hu evidenti li l-legislatur ma rieds jillimita ruhu semplicement ghal postijiet pubbblici jew ghal postijiet li jkunu privati izda "accessibbli" ghall-pubbliku, izda ried jinkludi postijiet privati izda li go fihom terzi persuni jkunu jistghu normalment jittawlu u jaraw xi jkun qed jigri, sia jekk dawn it-terzi jkunu fit-triq, fuq bjut jew fi twieqi. Jinghad "normalment" fis-sens li dak li jkun qed jigri f'dan il-lok privat ikun vizibbli ghal terza persuna minghajr ma' din ikollha bzonn tuza xi apparat straordinarju, bhal titla' ma' xi hbula jew fuq slielem jew kaxex. Fil-kaz in disamina kemm il-gardina ta' l-appellant kif ukoll il-bejt huma normalment u facilment vizibbli minn diversi postijiet fil-proprjeta' tal-kojugi Whitehouse. Ghalhekk l-aggravji ta' l-appellant in kwantu jirrigwardaw l-ewwel imputazzjoni huma infondati."*

Illi, fil-kaz in ezami, certament, il-pronunzjament tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali taqbel perfettament mal-fatti tal-kaz in ezami. Hemm provi zgjaccanti li l-imputat, wara li kien jinza gharwien, kien jitfa gebel zghar jew zrar lil minuri, sabiex jattiralhom l-attenzjoni taghhom. In fatti, dan, fil-fatt huwa wkoll ammess fl-istqarrija ta' l-imputat (a fol.21).

Il-Qorti ma tistghax, bl-ebda mod, issib htija fit-tielet (3) akkuza stante li din l-akkuza tirrikjedi post manifestament pubbliku u mhux post espost jew accessibli ghal pubbliku.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat **Lewis Briffa**, mhux hati ta' l-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuza li minnhom tilliberah, hati tat-tieni (2) akkuza u wara li rat Artikoli 209 u 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lill-imputat ghal tlett (3) xhur prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin.**

In oltre', ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tordna l-hrug ta' Protection Order favur il-minuri *Omissis A* u *Omissis B* bil-kundizzjoni li l-imputat ma ghandu, bl-ebda mod, jikkomunika jew jattenta li jikkomunika ma' dawn iz-zewg minuri u dana ghal perijodu ta' tlett (3) snin.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------